**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 8 ta' Jannar 2017
Solennità tal-Epifanija tal-Mulej
Sena A

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw is-solennità tal-Epifanija tal-Mulej. Din il-festa tal-lum tgħidilna li Alla wera ruħu lill-ġnus kollha tad-dinja għax hu ġie biex isalva lil kulħadd.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Isaija 60, 1-6)
F'dan il-qari ser naraw li s-sebħ tal-Mulej jiddi u jissupera kull tip ta' dlam.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (Ef 3, 2-3a. 5-6)
San Pawl jgħidilna li Alla wera lilu nnifsu lill-kulħadd, saħansitra lill-pagani sabiex dawn ukoll igawdu mis-salvazzjoni dejjiema.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 2, 1-12)
Il-Maġi, wara li raw il-kewkba, taw qima lil Ġesù tarbija bħala l-veru Sultan tad-dinja.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Kristu ħa n-natura ta' bniedem u hu s-sid tal-ġnus kollha tal-art. Ejjew inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna billi nressqu dawn l-offerti tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Alla wera ruħu lill-ġnus kollha tad-dinja sabiex kull min jemmen fih, jgħix. Fit-tqarbin, HU mhux biss juri ruħu lilna, iżda jsir parti minna.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.